**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Adrian *sive* Aad de Haan *noe*

*versus*

Dottor Tonio Farrugia *et noe pro*

**Konvenju - Mandat ta' Inibizzjoni - Kawża għall-Jedd Imsemmi fil-Mandat - Tifsira Ċara u Sewwa ta' l-Oġġett u tar-Raġuni tat-Talba - Artikoli 156, 843 (2) tal-Kap. 12 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*L-attur aġixxa wara l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fejn talab lill-Qorti tinibixxi lill-konvenuti b'mod definitivvament milli jbigħu, jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu mill-proprjetà immobbiljarja kif deskritta fil-kuntratt ossia konvenju. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-attur kien obbligat illi jippreżenta kawża għall-jedd imsemmi fit-terminu u li ma kinitx konċepibbli talba ta' projbizzjoni perpetwa.*

*Il-Qorti ta' l-Appell, filwaqt illi kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, irriteniet illi anke kieku wieħed kellu jeskludi li t-talba hija biex il-mandat ta' inibizzjoni stess jiġi estiż definittivament, it-talba, fl-aħjar ipotesi għat-teżi ta' l-attur, hija biex il-konvenuti jiġu ordnati ma jbigħux il-proprjetà biex jibqgħu mpreġudikati id-drittijiet naxxenti mill-konveju, però dawn id-drittijiet mhumiex speċifikati u lanqas ma hemm indikat terminu. Għalhekk, l-attur naqas li jiddeduċi t-talba għad-dritt ikkawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni, għaliex fit-talba d-dritt mhuwiex speċifikat iżda hemm biss referenza generika għad-drittijiet stipulati bil-konvenju, meta dan id-dokument lanqas biss ġie esebit. Jingħad ukoll għall kull buon fini li anke kieku l-konvenju ġie esebit maċ-ċitazzjoni dan ma kienx* ut sic *jirrendi t-talba "ċirkoskritta jew determinata". It-talba tkun "ċirkoskritta" jew "determinata" minn kif tkun iffurmolata hi stess u mhux b'sempliċi referenza għal xi dokument esebit. Għalhekk l-osservazzjoni magħmula hawn fuq dwar in-nuqqas ta' esebizzjoni tal-kopja tal-konvenju saret biex jiġi ssottolineat kemm l-attur aġixxa b'mod traskurat. Però anke kieku esebixxa l-konvenju maċ-ċitazzjoni ma kienx b'hekk jissana t-talba li hija mproponibbli għaliex, filwaqt li titlob li l-Qorti "tinibixxi lill-konvenuti b'mod definittivament* (sic) *milli jbigħu, jittrasferixxu jew b'xi mod ieħor jiddisponi mill-proprjetà*

*mmobbiljari, kif deskritta fil-kuntratt ossia konvenju, lil terzi persuni u dana biex id-drittijiet ta' l-attur* nomine" *ma jkunux ippreġudikati, ma titlobx li jiġu ddikjarati liema huma dawk id-drittijiet.*

*It-talba ma tissodisfax ir-rekwiżit mpost bl-artikolu 156 (1) (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li hu li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba" u konsegwentement lanqas ma tissodisfa d-dettami ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12, li bihom l-attur huwa obbligat jippreżenta kawża għall-jedd imsemmi fil-Mandat ta' Inibizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur *nomine* ppremetta illi l-esponenti kien ikkonkluda konvenju mas-soċjetà konvenuta bid-data ta' l-24 ta' Novembru, 1992 li permezz tagħha l-istess soċjetà konvenuta ntrabtet li tbiegħ lis-soċjetà attriċi, li da parti tagħha ntrabtet li tixtri u takkwista l-bini u l-art kontigwa, bid-drittijietu u pertinenzi tagħhom f'Ħal Luqa, kontrada ta' Ħal Saflieni, magħrufa "Tal-Bur", illum imsejjaħ "Spido", Triq Valletta, Ħal Luqa u dana bil-kondizzjonijiet u pattijiet inkorporati fl-imsemmi konvenju;

Premess illi fost il-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi konvenju, il-konvenuti Dottor Tonio Farrugia u George Whelpdale, intrabtu bħala garanti personalment mas-soċjetà konvenuta a favur is-soċjetà attriċi u għal dak li jirrigwarda l-

immobbli u dan kif jirriżulta mill-istess konvenju;

Premess illi ġie a konjizzjoni ta' l-esponenti illi l-konvenuti qegħdin jippruvaw ibiegħu u jittrasferixxu l-proprjetà mmobbiljarja bi preġudizzju serju għall-esponenti tant li l-esponenti talab ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni nru. 2555/95;

Premess illi l-esponenti għandu nteress li jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu naxxenti mil-fuq imsemmi konvenju ta' l-24 ta' Novembru, 1992;

L-attur *nomine* talab li din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, tiddeċidi billi tinibixxi lill-konvenuti b'mod definittivament milli jbiegħu, jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponi mill-proprjetà mmobbiljarja kif deskritta fil-kuntratt ossia konvenju ta' l-24 ta' Novembru, 1992 lil terzi persuni u dana biex id-drittijiet ta' l-attur *nomine* kif stipulat fl-imsemmi kuntratt ma jiġux ippreġudikati u jibqgħu mpreġudikati li jista' jeżerċitahom meta jrid kif prevvist;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2533/95;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* a fol. 10 fejn eċċepew:

Mingħajr preġudizzju għat-tieni eċċezzjoni t-talba ta' l-attur *nomine* għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż peress illi wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2555/95, l-attur *nomine*, a tenur ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kien obbligat jippreżenta "**kawża għall-jedd imsemmi fil-**

**Mandat ta' Inibizzjoni ċitat"**, mentri kull ma talab fiċ-ċitazzjoni odjerna huwa biss ir-ripetizzjoni tat-talba li kien ġà ghamel ghall-ħruġ ta' l-imsemmi mandat, liema talba ġà kienet ġiet milqugħa minn din il-Qorti tad-Digriet tagħha tas-6 ta' *Lulju, 1995 u ghalhekk ma kienet tirrikjedi l-ebda konferma* ulterjuri b'sentenza ta' din il-Qorti;

Illi t-talba ta' l-attur *nomine* ghandha f'kull każ tiġi miċħuda bl-ispejjeż, peress illi kif ġà kien ingħad fl-atti tal-*mandat ta' inibizzjoni ċitat, l-iskrittura dok. X kienet ġiet* validament revokata l-ghadda stess mis-soċjetà attriċi stess, kif legalment rappreżentata dak iż-żmien mid-direttur tagħha l-Avukat Tonio Farrugia *nomine* taħt l-artikolu 26 (a) tal-Memorandum u *Articles of Association* tas-soċjetà attriċi, u dan *għar-raġunijiet serji u validissimi li ġew iddikjarati fl-istess* revoka ddatata 25 ta' Novembru, 1992, li kopja transuntata tagħha qed tiġi hawn esebita bħala dok. FL1, u għalhekk id-drittijiet vantati mill-attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni odjerna effettivament ma jeżistux;

Illi t-talba ta' l-attur *nomine* ghandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż ghaliex l-imsemmija skrittura Dok. X hija f'kull każ nulla, peress illi l-kunsens tal-konvenuti *nomine* kien ġie meħud bi vjolenza u b'għemil doluż da parti ta' l-attur *nomine*, u ghalhekk id-drittijiet vantati mill-attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni odjerna ma jeżistux, kif ġà ġie ampjament spjegat fl-*affidavits* tal-konvenuti *nomine* fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2518/95 li kien konness ma' l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2555/95 u liema atti ghalhekk ghandhom jiġu allegati ma' dan il-proċess;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat in-noti tal-partijiet;

Il-konvenuti qed jeċċepixxu li wara l-mandat ta' inibizzjoni, l-attur, a tenur ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 kien obbligat jippreżenta "kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat ta' inibizzjoni ċitat", mentri fiċ-ċitazzjoni odjerna kull ma qed jitlob huwa biss ir-ripetizzjoni tat-talba li kien ġà għamel għall-ħruġ ta' l-imsemmi mandat, liema talba ġà kienet ġiet milqugħa u għalhekk ma tirrikjedi l-ebda forma ulterjuri ta' konferma b'sentenza ta' din il-Qorti;

Fin-nota tagħhom il-konvenuti għamlu referenza għall-kawżi minnhom ċitati waqt it-trattazzjoni orali u għall-prinċipju msemmi fl-eċċezzjoni tagħhom, fis-sens li din il-kawża hija ġuridikament erronea, apparti li hija superfluwa;

Min-naħa l-oħra l-attur issottometta fit-trattazzjoni orali u fin-nota tiegħu li kien hemm konvenju fl-1992, u d-dritt tas-soċjetà attriċi ma jistax jiġi esegwit (kif qed jitolbu l-konvenuti), billi t-terminu għadu għaddej (ara fol. 5 "*This obligation shall be valid for five (5) years, commencing from today, renewable automatically for a further period of five (5) years ...*). Għalhekk il-konvenju għadu veljanti u ma jistax jiġi enforzat. Il-jedd ta' l-atturi jeżisti fil-konvenju; il-perijodu li fih jiġi eżerċitat dan id-dritt hu ddeterminat fil-konvenju u d-domanda hija proprja li sakemm jiskadi l-konvenju, il-konvenuti ma jiddisponux mill-proprjetà biex huma jkunu f'posizzjoni li jonoraw l-impenji tagħhom. It-talba ta' l-attur la hija ndeterminata u lanqas permanenti, imma hija limitata għal perijodu ndikat fil-konvenju;

Mill-qari ta' l-aħħar klawsola *tal-konvenju, dok. a fol.* 5, jirriżulta li t-terminu hemm stipulat ma jfissirx li l-kreditur (l-attur), irid jistenna sakemm jgħaddi t-terminu ta' ħames snin, iżda jfisser li t-terminu għaddej (u mhux għad irid jgħaddi) u l-attur jista' jitlob il-jedd tiegħu fi kwalunkwe żmien f'dawn il-ħames snin;

Inoltre, għalkemm l-attur jissottometti li t-talba tiegħu la hija ndeterminata u lanqas permanenti, fil-fatt jekk wieħed jara t-talba tiegħu fiċ-ċitazzjoni jsib, li hu qed jitlob li din il-Qorti "tinibixxi lill-konvenuti b'mod **definittivament** milli jbiegħu ... u fl-istess talba jirreferi għad-drittijiet tiegħu "li jista' jeżerċitahom **meta jrid** kif previst (fol. 1 a tergo);

Skond l-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 12**, ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat ..." ċjoè jrid jagħmel kawża biex jikkonkretizza l-kreditu tiegħu;

Illi fil-każ in eżami l-Qorti tirrileva li l-attur naqas li jipproponi l-kawża fuq id-dritt li jrid u setgħa jipproteġi wara li ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. B'hekk minflok talab li jiġi ddikjarat li għandu dan il-jedd - id-dritt sostantiv tiegħu - l-attur talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni - dritt proċedurali. Dawn huma żewġ drittijiet separati u distinti u li m'għandhomx jitfixklu bejniethom. "Il-liġi ma tikkontemplax il-possibbilità ta' mandat kawtelatorju permanenti" (ara sentenza App. C. **Aquilina** *vs* **F.X. Aquilina** *noe et* - deċiż 27.11.91);

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel *eċċezzjoni tal-konvenuti* u *tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;*

Spejjeż għall-attur;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur *nomine* li bih talab ir-revoka tas-sentenza fuq ċitata u konsegwentement li tiġi miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li biha eċċepew li l-attur m'għamilx kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat għat-tenur ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 u konsegwentement tirrimanda l-kawża lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti fil-kwalitajiet tagħhom premessi li biha *inter alia* esponew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li għaldaqstant l-appell interpost mill-attur *nomine* għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant:

L-appellant fir-rikors ta' l-appell espona li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt li jidher ċar mit-termini taċ-ċitazzjoni illi l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti hija żbaljata għar-raġunijiet segwenti:

"L-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 li jirrikjedi li "r-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-Mandat" għandu jiġi moqri u nterpretat fid-dawl tad-disposizzjoni prinċipali li jirregola l-mandati ta' inibizzjoni u ċjoè dak li jirregola l-iskop tal-mandat; l-artikolu 873 (1) tal-Kap. 12;

L-artikolu 873 (1) tal-Kap. 12 jiddisponi *inter alia* li "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli ... tagħmel xi ħaġa tkun li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni";

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 2555/95 ġie mitlub u ottenut preċiżament biex iżomm lill-konvenut biex jagħmlu xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-attur *noe* u ċjoè li jbiegħu lil terzi proprjetà li huma obbligaw ruħhom, permezz tal-konvenju ta' l-24 ta' Novembru, 1992, li jbiegħu lill-attur *noe*. L-attur *noe* għandu d-dritt naxxenti mill-konvenju li jżomm lill-konvenuti milli jbiegħu l-proprjetà lil ħadieħor għaliex jekk dan isir l-attur *noe* jitlef irrimedjabbilment id-dritt tiegħu li jġiegħel lill-konvenut li jesegwixxu l-obbligu tagħhom u jbiegħu l-proprjetà lill-attur *noe*;

Dan huwa l- "jedd imsemmi fil-mandat" u huwa dan il-jedd li kellu jġib il-quddiem l-attur *noe* fil-kawża kif rikjest mill-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 u dan huwa preċiżament dak li għamel l-attur *noe* fil-kawża odjerna kif jirriżulta b'mod ċar mill-kawżali u t-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni;

It-talba fiċ-ċitazzjoni hija dik li l-konvenuti jiġu inibiti "milli jbiegħu jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu" il-proprjetà in kwistjoni lil terzi "u dana biex id-drittijiet ta' l-attur *nomine* kif stipulati fl-imsemmi kuntratt ma jiġux preġudikati u jibqgħu mpreġudikati li jista' jeżerċitahom meta jrid kif previst";

Dan huwa dritt sostantiv ta' l-attur *noe* u ċjoè li jżomm lill-konvenuti *noe* milli jbiegħu lill-ħaddieħor a skapitu tad-dritt tiegħu li jġiegħel lill-konvenuti jbiegħu lilu skond il-konvenut imsemmi. L-attur *noe* mhu qed jivvanta ebda dritt proċedurali imma purament dritt sostantiv naxxenti minn kuntratt;

L-Ewwel Qorti kienet żbaljata li tgħid li l-attur *noe* "talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni - dritt proċedurali". It-talba kif dedotta ma tgħid xejn minn dan. Meta wieħed jaqra t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni huwa mpossibbli li tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti;

Lanqas ma kienet korretta l-Ewwel Qorti li timplika li l-attur *noe* talab "mandat kawtelatorju permanenti". L-Ewwel Qorti għal xi raġuni għamlet enfasi fuq il-kelma "definittivament" donnu din il-kelma tfisser "permanentement". Dan mhuwiex il-każ. Il-kelma "definittivament" intużat għaliex din hija kawża li saret in segwitu tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għat-tenur ta' l-artikolu 841 (1) tal-Kap. 12;

L-Ewwel Qorti għamlet enfasi ukoll fuq il-kliem "meta jrid" kontenuti fit-talba. Dawn il-kliem ġew meħuda barra mill-kuntest. Il-kliem "meta jrid" huma kkwalifikati bil-kliem "kif prevvist" u ċjoè kif prevvist fil-konvenju ta' l-24 ta' Novembru, 1992, imsemmi fit-talba. Dawn il-kliem qed jirreferu għall-fatt li skond l-istess konvenju l-attur *noe* tul id-durata kollha tal-konvenju (ċjoè ħames snin rinovabbli mill-attur *noe* għal ħames snin oħra) għandu d-dritt "meta jrid" li jġiegħel lill-kumpannija konvenuta li tesegwixxi l-obbligu tagħha li tbigħ il-proprjetà lilu. Huwa evidenti mit-talba fiċ-ċitazzjoni, li qed tirreferi b'mod speċifiku għad-drittijiet ta' l-attur *noe* fil-konvenju u għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet "meta jrid kif prevvist" (ovvjament fl-istess konvenju), li t-talba hija limitata, ċirkoskritta u ddeterminata fl-istess konvenju u li allura la hija ndeterminata u lanqas permanenti";

L-appellati ssottomettew *inter alia*:

"Illi bl-ebda mod ma jista' l-appellant isostni illi l-kawża

minnu proposta tissodisfa l-obbligu li kellu a tenur ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi wara li kien ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, illi jippreżenta kawża kontra l-esponenti għall-jedd imsemmi fl-istess Mandat;

L-iskop prinċipali tat-talba ta' l-appellant kif minnu dedotta kien unikament sabiex il-Qorti testendi ndefinittivament l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni u ċjoè biex testendi d-dritt proċedurali ġà ottenut permezz ta' l-istess Mandat. L-ebda sforz ta' nterpretazzjoni ma jista' jbiddel dan id-dritt proċedurali vvantat mill-appellant f'wieħed sostantiv";

Fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 1998 quddiem din il-Qorti, id-difensur ta' l-appellant iddikjara li l-proprjetà meritu tal-kawża ġiet mibjugħa lil terzi fil-mori tal-kawża u konsegwentement il-kawża hi limitata għall-kap ta' l-ispejjeż mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni li tirriżulta mill-iskrittura (*sic*);

F'dik l-istess udjenza l-Qorti ordnat li l-appellant jesebixxi fir-Reġistru l-konvenju li fuqu hija bbażata l-azzjoni u dan fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata bil-*visto* tal-kontroparti. Dan ġie ordnat billi d-dokument immarkat Dok. X esebit mill-attur mad-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni (fol. 4 u 5) mhux il-konvenju, iżda kuntratt ieħor ta' l-istess data tal-konvenju bejn il-kontendenti odjerni;

Jiġi rrilevat li l-appellant, b'nota ppreżentata minnu fir-*Reġistru fis-16 ta' Jannar, 1998, esebixxa kopja tal-konvenju* (dok. H1), kif ukoll kopja ta' ftehim li bih allegatament ġew irtirati l-mandati kawtelatorji kollha bejn il-kontendenti, liema rtir ġie miftiehem li jsir "*without prejudice by the party that issued them* Dok. H2)";

Dawn id-dokumenti ġew esebiti mingħajr il-*visto* tal-

kontroparti u t-tieni wiehed minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Però, in vista tad-deċiżjoni li waslet ghaliha din il-Qorti, l-irregolaritajiet imsemmija mhumiex ta' preġudizzju ghall-kontroparti u ghalhekk ma kienx hemm lok li jinghata xi provvediment relattivament ghalihom qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Jiġi rrilevat ukoll li nonostante d-dikjarazzjoni fuq riferta li l-kawża hija limitata ghall-kap ta' l-ispejjeż, ma saret ebda nota li biha ġie ċedut il-meritu, u ghalhekk, ma jistax jinghad li l-kawża hija limitata ghall-kap ta' l-ispejjeż, meta l-meritu ma ġiex ċedut;

Ikkunsidrat dwar l-aggravju ta' l-appellant:

Illi kif ġà ġie rrilevat, maċ-ċitazzjoni, lanqas ma kien ġie esebit il-konvenju;

Il-premessi u t-talba taċ-ċitazzjoni ma fihom ebda terminu. Kuntrarjament ghal dak li ssottometta l-appellant, it-talba mhix ċirkoskritta jew determinata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux tant l-użu tal-kelma "definittivament" fit-talba li jirrendiha permanenti iżda l-fatt li t-talba ma fiha ebda limitu ta' żmien;

Ghalhekk, anke kieku wiehed kellu jeskludi li t-talba hija biex *il-mandat ta' inibizzjoni stess jiġi estiż definittivament*, it-talba, fl-ahjar ipotesi ghat-teżi ta' l-attur, hija biex il-konvenuti jiġu ordnati ma jbieghux il-proprjetà biex jibqghu mpreġudikati d-drittijiet naxxenti mill-konvenju, però, dawn id-drittijiet mhumiex speċifikati u lanqas ma hemm indikat terminu. Ghalhekk, l-attur naqas li jiddeduċi t-talba ghad-dritt kawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni, ghaliex fit-talba d-dritt mhuwiex speċifikat iżda hemm biss referenza ġenerika ghad-drittijiet

stipulati bil-konvenju, meta dan id-dokument lanqas biss ġie esebit. Jingħad ukoll għal kull buon fini li anke kieku l-*konvenju ġie esebit maċ-ċitazzjoni dan ma kienx ut sic* jirrendi t-talba "ċirkoskritta jew determinata" għaliex it-talba tkun "ċirkoskritta" jew "determinata" minn kif tkun ifformulata hi stess u mhux b'sempliċi referenza għal xi dokument esebit u għalhekk *l-osservazzjoni magħmula hawn fuq dawr in-nuqqas* ta' esebizzjoni tal-kopja tal-konvenju saret biex jiġi sottolineat kemm l-attur aġixxa b'mod traskurat, però anke kieku esebixxa l-konvenju maċ-ċitazzjoni ma kienx b'hekk jissana t-talba li hija mproponibbli għaliex filwaqt li titlob li l-Qorti "tinibixxi lill-konvenuti b'mod definittivament *(sic)* milli jbiegħu, jittrasferixxu jew b'xi mod ieħor jiddisponu mill-proprjetà mmobbiljari kif deskritta fil-kuntratt ossia konvenju ta' l-24 ta' Novembru, 1992, lil terzi persuni u dana biex id-drittijiet ta' l-attur *nomine*" ma jkunux impreġudikati, ma titlobx li jiġu ddikjarati liema huma dawk id-drittijiet;

It-talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti impost bl-artikolu 156 (1) (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li hu li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba" u konsegwentement lanqas ma tissodisfa d-dettami ta' l-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12, li bihom l-attur huwa *obbligat jippreżenta kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat ta'* inibizzjoni;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondat l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż *taż-żewġ* istanzi kontra l-appellant.

---